MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 785/2000/1

**Atlas Insurance Limited in rapresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia' Guardian Royal Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ignazio Anastasi Limited u l-istess Ingnazio Anastasi Limited**

**vs**

**Angelo Callus**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ippremettiet:-

Illi fis-16 ta' Dicembru 1998 ghal xi l-9.50 a.m , waqt li Hugh Anastasi kien qed isuq il-vettura BMW numru ta registrazzjoni BAR 671, propjeta tas-socjeta' attrici Ignazio Anastasi Limited, go Triq Dicembru Tlettax Marsa din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mat-trakk ERF

numru ta' registrazzjoni SAS 118 misjuq mill-konvenut (DOK.1);

Illi l-vettura BAR 671 kienet assikurata mas-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine taht polza *comprehnsive* u s-socjeta’ attrici Ignazio Anastasi Limited bhala l-assikurat ghamlet claim wara dan l-incident;

Illi d-danni tal-atturi kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta’elf mitejn wiehed u ghoxrin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1221.75c) in kwantu ghal elf mija wiehed u disghin lira (Lm 1191) dovuti lis-socjeta’ attrici Atlas Insurance Agency Limited nomine bhala risarciment tal-ammont li sborsat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata skond il-polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive* kif ukoll spejjess ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta’attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal tletin lira hamsa u sebghin cenatezmu (Lm30.75) dovuti lis-socjeta’ attrici Ignazio Anastasi Limited bhala risarciment ta’ danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni *comprehensive* (Dok.2 sa Dok.5);

Illi ghal dan l-incident u konsegwenziali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizia negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas id-danni attrici baqa’ inadempjenti;
Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilstiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b’konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

tillikwida d-danni tal-atturi fis-somma ta’ elf mitejn wiehed u ghoxrin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm 1221.75c), occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi; u

tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe s-somma ta' elf mija wiehed u disghin lira (Lm 1191) bhal risarciment tal-ammont li sborsat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligat skond il-polza ta' assikurazzjoi *comprehensive* kif ukoll spejjess ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drttijiet tal-assikurat taghha u jhallas lis-socjeta' attrici Ignazio Anastasi Ltd is-somma ta' tletin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm 30.75c) bhala risarciment ta' danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni "comprehensive";

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma dan l-att) ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bil-proceduri odjerni a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-29 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xiehda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-incident tat-traffiku li sehh fis 16 ta' Dicembru bejn Hugh Anastasi, s-sewwieq tal-vettura numru BAR 671, u l-eccipjenti li dak il-hin kien qed isuq il-vettura numru SAS 118, ma' garax tort u htija tal-istess eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-insemmi Hugh Anastasi billi huwa naqqas milli josservqa r-regolamenti tat-taffiku meta qaleb minn lane ghal-iehor u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-tattazjoni tal-kawza. Illi stante dan l-incident ma' garx tort tal-eccipjenti, l-ebda amont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni u kwindi t-talbiet taghhom ghandhomm jigu respinti bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li mhux il-kaz li l-provi tal-atturi, dwar il-konsistenza tad-danni, jigu konfermati;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

L-atturi f'din il-kawza huma s-socjeta assikuratrici Atlas Insurance Limited in rapresentanza tas-socjeta’ estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Ignazio Anastasi Limited u l-istess socjeta Ingnazio Anastasi Limited;

Jirrizulta li fis-16 ta’ Dicembru 1998 ghal habta tad-9.50 ta' filghodu sehh incident stradali go Triq Dicembru Tlettax il-Marsa. Involuti f'dan l-incident kien hemm certu Hugh Anastasi, li kien qed isuq il-vettura tas-socjeta attrici Ignazio Anastasi Limited tal-marka BMW numru ta registrazzjoni BAR 671 u t-truck tal-marka ERF numru ta' registrazzjoni SAS 118 misjuq mill-konvenut. L-imsemmija vettura misjuqa minn Anastasi kienet assikurata "comprehensive" mas-socjeta attrici assikuratrici, li halset lill-assikurati taghha ghad-danni sofferti f'dan l-incident is-somma ta' elf mija wiehed u disghin lira (Lm1191) u dana kif kienet obbligata li tghamel skond il-polza ta’ assikurazzjoni;

B'hekk is-socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata, li kellha ukoll tisborza is-somma ta' tletin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm30.75) danni li ma kienux koperti mill-polza tal-assikurazzjoni. Id-danni kollha ghalhekk jammontaw ghas-somma ta’ elf mitejn wiehed u ghoxrin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1221.75);

L-atturi jippretendu li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenziali. B'hekk qed issir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija danni;

Il-konvenut, da parti tieghu, qed jeccepixxi li l-incident gara unikament tort u htija tal-insemmi Hugh Anastasi u ghalhekk l-ebda amont ma' huwa dovut lill-atturi;

Hu ovvju li s-sewwieqa involuti f'dan l-incident jghatu versjonijiet kontrastanti ta' kif sehhet il-kollizzjoni. Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni cioe' fid-direzzjoni tal-Belt Valletta. It-truck li kien qed isuq il-konvenut kien ziemel bit-trailer mghobbi warajh bit-tul komplessiv ta' oltre erbghin pied. Ghalhekk huwa truck kbir hafna. Jirrizulta ukoll li dak il-hin li sehh l-incident kienet qed issir protesta minn dawk li huma involuti fl-industrija tal-bini u l-konvenut bit-truck tieghu kien qed jiehu sehem f'din il-protesta. Kien hemm involuti f'din il-protesta vetturi kbar u b'hekk it-traffiku fid-direzzjoni tal-Belt kien miexi bil-mod hafna;

Is-sewwieq tal-karozza BAR 671, Hugh Anastasi, jghid li fil-hin tal-habta huwa kien wieqaf u dak il-hin il-konvenut bit-truck tieghu baqa diehel fil-vettura misjuqa minnu. Anastasi jghid li ra l-konvenut gej u ghalhekk daq il-horn, pero' l-konvenut xorta wahda baqa gej. Huwa jghid li l-iskizz a fol.9 mhux korrett u jikkontendi li t-truck wara l-habta ma kinx kompletament fil-karrgiata izda kien angolat bil-parti ta' wara tieghu fil-
karreggita l-ohra. Huwa jghid li meta qala l-ewwel daqqa huwa ttanta isuq il-gewwa lejn il-bankina;

Din il-versjoni tas-sewwieq tal-vettura BMW mhux daqstant attendibbli. Mhux verosimili li l-karozza ta' dan is-sewwieq kienet wieqfa fil-hin tal-habta. Dan qed jinghad in vista tad-daqqiet li jirrizultaw li l-vetturi garbu bhala konsegwenza tal-incident. Jekk dan is-sewwieq kien wieqaf hu inverosimili li huwa ttanta jersaq lejn il-bankina mal-ewwel daqqa. Hu ukoll inverosimili li l-posizzjoni tat-truck misjuq mill-konvenut hi indikata b'mod erroneu fl-iskizz u dana ukoll in vista tal-kobor tal-istess truck. Barra

minn hekk ma tirrizulta ebda indikazzjoni li tikkonferma li s-sewwieq tal-BMW ittanta jghamel manuvra diversiva mal-ewwel daqqa;

In vista ta' dan kollu u fid-dawl tal-provi kollha prodotti ma jistax jinghad li l-atturi wasslu ghal prova sufficjenti li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-habta in kwestjoni. In effett il-konvenut jichad li huwa baqa diehel fil-vettura l-ohra u jghid li in effett kienet il-vettura l-ohra li baqghet diehla fin-naha tax-xellug tat-truck;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------